# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 16**

**Citaz. Nru. 2129/99GV**

Doc. 150-01

**General Workers Union (GWU Malta)**

**-vs-**

1. **Malta International Airport PLC**
2. **Unjoni Haddiema Maghqudin**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fuq talba tal-kumpanija konvenuta Malta International Airport p.l.c., permezz ta' digriet emess fit-23 ta' Awissu, 1999, din l-Onorabbli Qorti, wara li kienet diga laqghat provisorjament il-mandat ta' inibizzjoni, hawn esebit u markat bhala Dok. 'A', ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 3751/99 kopja ta' liema hija hawn annessa u markata bhal dokument 'B';

Premess illi la meta laqghat il-mandat ta' inibizzjoni provisorjament fl-ghoxrin (20) ta' Awissu, 1999, kif ukoll lanqas meta l-istess Onorabbli Qorti laqghat it-talba

definittivament ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, ir-rikors ma giex appuntat halli il-kontendenti jinghataw l-opportunita li jressqu s-sottomissjonijiet verbali taghhom quddiem l-istess Onorabbli Qorti, u dan meta l-istess Onorabbli Qorti hadet *'judicial notice' tal-fatti tal-kwestjoni mis-servizzi tal-komunikazzjoni kollha komprizi ir-radju u t-televizjoni;*

Premess illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ibbazzat id-digriet taghha fuq il-fatt illi l-unika kwistjoni li kien hemm kienet dik bejn iz-zewg unions mal-kumpanija konvenuta dwar dritt ghal rikonoxximent, kif ukoll fuq il-fatt li hadd miz-zewg unions ma hi qeghda tallega li hemm xi tilwima ta' xi xoghol mal-kumpanija konvenuta li tista' taqa' biex tigi ikkunsidrata taht is-subinciz (a) tat-tifsira ta' *'tilwima ta' xoghol'* fl-artikolu 2 tal-Kap. 266;

Premess illi tali konkluzjonijiet milhuqa mill-Ewwel Onorabbli Qorti huma zbaljati u jikkostitwixxu applikazzjoni zbaljata tal-legim u ghalhekk m'humiex gustifikabbli, stante illi tezisti tilwima ta' xoghol peress illi;

a is-subinciz (f) ta' l-artikolu 2 tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi bhala *'tilwima ta' xoghol' makkinarju ghal negozjati jew konsultazzjonijiet, u proceduri ohra, dwar xi wahda mill-hwejjeg imsemmija qabel,* ***<u>maghdud ir-rikonoxximent minn principali jew assocjazzjonijiet ta' principali tad-dritt ta' trade union li tirrapprezenta haddiema f'xi negozjati jew konsultazzjonijiet bhal dawk jew fit-twettiq ta' dawk il-proceduri;</u>***

b Illi fid-digriet taghha, l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxit illi *'l-unika kwistjoni li hemm mas-socjeta' rikorrenti (Malta International Airport p.l.c.) hija dik ta' rikonoxximent'*

c Illi tant din tikkostitwixxi tilwima ta' xoghol li dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru ghall-Politika Socjali liema Tribunal ta' id-decizjoni tieghu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju, 1999, fil-kaz numru 1276 hawn esebit u markat Dok. 'C';

d Illi sussegwentement, fit-tlieta (3) ta' Awissu, 1999, l-istess kumpanija konvenuta pprezentat '*Terms of Remit*' ghal quddiem it-Tribunal Industrijali, fejn dan gie mitlub biex fost ohrajn jiddeciedi liema union jew unions u taht liema parametri il-kumpanija Malta International Airport p.l.c. ghandha taghti rikonoxximent kollettiv u dan wara li jsiru l-indagini necessarji kollha inkluz dwar is-sahha rappresentattiva tat-tlett unions, jekk ikun il-kaz, liema ittra qeghda tigi hawn esebita u markata dok. 'D';

e Illi anke l-Onor. Ministru ghall-Politika Socjali kkunsidra tali kwistjoni bhala tilwima ta' xoghol u rrefera din it-tilwima quddiem it-Tribunal Industrijali fejn talbu nterpretazzjoni ghall-*award* tat-Tribunal Industrijali moghtija nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju, 1999;

f Illi tali Tribunal Industrijali gie kostitwit u beda jisma din it-tilwima ta' xoghol;

Premess illi din il-kwistjoni titratta tilwima ta' xoghol, ma tista' tittiehed ebda azzjoni fil-konfront tal-Union attrici dwar delitt jew kwazi-delitt minhabba xi ghemil li jkun allegat li sar, allegat li gie mhedded jew li jkun mahsub li jsir minn trade union, u dan a tenur ta' l-artikolu sbatax (17) ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266);

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1 Tannulla u tirrevoka l-imsemmi digriet, kif ukoll id-digriet fejn gie milqugh provisorjarment il-mandat ta' inibizzjoni numru 3751/99 datat ghoxrin (20) ta' Awissu, 1999 fil-11:32am, u dan ghar-ragunijiet fuq premessi;

2 tordna il-hrug tal-kontro-mandat opportun, u dan taht dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li joghgobha taghti din l-istess Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramenta tas-socjeta' a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tal-Union Haddiema Maghqudin (UHM) a fol. 12 tal-process fejn eccepiet:

Illi l-Union Haddiema Maghqudin, fil-kors kollu ta' dawn il-proceduri legali, ossia fil-kors tal-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni (3751/99) l-konsegwenti u s-sussegwenti proceduri legali kollha, dejjem sostniet illi hija f'ebda cirkostanza ma kienet qeghda taghti xi forma ta' direttivi ndustrijali fl-MIA minkejja t-tilwima industrijali li kienet tezisti bejn il-kontendenti u dan peress illi l-proceduri quddiem it-Tribunal kompetenti, ossia it-Tribunal Industrijali, taw ragun lill-UHM u ghaldaqstant, l-istess UHM kienet qeghda biss tistenna illi l-MIA tapplika u tonora l-istess decizjoni tat-Tribunal industrijali;

Illi ghalhekk l-istess rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma kellu qatt, *ab intio*, jigi intavolat anke fil-konfront tal-Union esponenta;

Illi meta sar ir-rikors hawn fuq imsemmi, kienu qeghdin fis-sehh direttivi moghtija mill-Union attrici, il-General Workers' Union u l-iskop tal-Mandat, kif anke sollevat

fl-istess digriet tal-Qorti tat-23 ta' Awissu, 1999, kien biss illi jwaqqaf azzjonijiet mehuda biss mill-GWU, tant illi din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha stqarret;

> *Konsegwentament, kull direttiva jew azzjoni mehuda minn wahda miz-zewg unions intimati fil-konfront tas-socjeta' rokorrenti .........;*

Illi l-Union esponenta pero' dejjem ghamlitha cara illi filwaqt illi kull azzjoni legali mehuda mill-MIA ma kellha qatt tigi ndirizzata ukoll lejn il-UHM ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, pero', il-UHM dejjem irrizervat illi tiehu dawk l-azzjonijiet kollha li seta' jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi u skond il-ligi tal-pajjiz, fl-interessi legali taghha u tal-membri taghha, sabiex tkun onorata d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali;

Illi l-UHM tikkonferma t-tieni premessa tac-citazzjoni fis-sens illi lanqas hi ma ghamlet is-sottomissjonijiet taghha lill-Qorti, ghajr dawk fir-risposta taghha ghar-rikors promotur;

Illi l-UHM da parti taghha, fid-dawl ta' dan kollu li hawn fuq jinghad u minghajr pregudizzju ghalih, tiddikjara illi hi tqis il-kwistjoni tal-Unions in kwistjoni mal-MIA dwar is-*sole recognition* bhala tilwima ta' xoghol kif anke deskritta fil-KAP. 266 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi filwaqt illi din it-tilwima kienet riferita u anke deciza mit-Tribunal Industrijali, l-UHM itenni illli kull kwistjoni kienet tigi evitata kieku l-MIA applikat u attwat id-decizjoni ta' l-istess Tribunal u regghet tat ir-rikonixximanet uniku lill-UHM, posizzjoni illi din il-Union esponenta mill-ewwel sostniet a bazi ta' l-istess decizjoni msemmija - u issa illi l-MIA ma ghamlitx dan u l-GWU irreagixxiet ghad-

decizjoni b'azzjonijiet industrijali, il-Union Haddiema Maghqudin ghal darb'ohra teccepixxi illi anke hawnhekk hija giet imharrka inutilment u m'ghanda tbati ebda spejjes ta' l-odjerni proceduri, stante illi l-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni kieni intizi biss biex iwaqqfu azzjonijiet industrijali ta' Union ohra, u l-UHM qeghda kontinwament tigi mharrka inutilment, meta qeghda biss tistenna lill-MIA tapplika d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fuq imsemmija;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet ta' Malta International Airport fejn eccepiet:

1 Illi preliminarjament il-procedura uzata mill-union attrici f'din il-kawza hija irrita u nulla stante illi, skond il-ligi, mandat ta' inibizzjoni jista' jigi totalment jew parzjalment revokat bil-procedura stabbilita fl-artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghar-ragunijiet hemm indikati u ghalhekk is-socjeta' konvenuta eccipjenti ghandha tigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

2 Illi, wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, fis-27 ta' Awissu, 1999, is-socjeta' konvenuta eccipjenti intavolat citazzjoni (numru 1900/99NA) f'din il-Qorti f'ismijiet inversi ghal din il-kawza u, bejn il-kawza odjerna u dik intavolata bic-citazzjoni (nru. 1909/99NA), hemm konnessjoni ta' suggett jew id-decizjoni fil-kawza odjerna tista' tolqot id-decizjoni f'dik il-kawza u vici-versa u ghalhekk huwa l-kaz li dawn il-kawzi jinstemghu flimkien ai termini ta' l-artikolu 793(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

3 Illi, dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, f'kaz ta' akkoljiment ta' l-ewwel talba attrici ma hemmx il-htiega ghall-hrug tar-relattiv

kontro-mandat biex b'hekk it-tieni talba attrici hija superfluwa u bhala tali ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-Union attrici u, fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' konvenuta eccipjenti ma ghandiex issofri l-ispejjez relattivi ghall-istess tieni talba attrici;

4 Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, il-mandat ta' inibizzjoni numru 751/99 huwa perfettament validu u l-union attrici ma ghandha ebda dritt fondat fil-ligi li titlob lil din il-Qorti biex 'tannulla u tirrevoka' l-istess mandat u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-union attrici;

5 Illi ukoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit l-anqas ma huwa l-kaz li jintalab l-annullament u r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3751/99 ghar-ragunijiet migjuba mill-union attrici f'din il-kawza ghaliex il-fondatezza o meno tieghu jmiss li jigi deciz skond il-ligi fi procedura ohra li fil-fatt ga giet istitwita mis-socjeta' konvenuta eccipjenti fis-27 ta' Awissu, 1999, permezz tac-citazzjoni numru 1909/99 NA fl-ismijiet Malta International Airport p.l.c. versus Union Haddiema Maghqudin u General Workers' Union u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

6 Ili, ghal darb'ohra fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-union attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' konvenuta eccipjenti kellha kull dritt titlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kif fil-fatt ghamlet u kien perfettament lecitu ghal din il-Qorti li tilqa' din it-talba kif fil-fatt ghamlet.

7 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-decizjoni tal Prim Istanza a fol. 40 u tal-Appell a fol. 76;

Rat il-verbal a fol 47;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti:

1. tannulla u tirrevoka d-digriet tat-23 ta' Awissu, 1999 (fol. 13), kif ukoll id-digriet fejn gie milqugh provisorjament il-mandat ta' inibizzjoni numru 3751/99 datat ghoxrin (20 ) ta' Awissu, 1999 fil-11.32 am;
2. tordna l-hrug tal-kontro-mandat opportun, u dan taht dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li joghgobha taghti din l-istess Onorabbili Qorti.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti M.I.A. a fol. 29 eccepew preliminarjament li l-procedura uzata f'din il-kawza hija irrita u nulla.

Din l-eccezzjoni giet michuda mill-Prim Awla fit-18 ta' Ottubru, 1999 u mill-Appell fil-28 ta' April, 2000.

Il-konvenuti M.I.A eccepew fil-mertu li huma kellhom kull dritt jitolbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u kien perfettament lecitu ghall-Qorti li tilqa' din it-talba kif fil-fatt ghamlet (fol. 29).

Il-konvenuti U.H.M. (fol. 34) eccepew li huma jqiesu l-kwistjoni tal-Unions mal-M.I.A. dwar is-*sole recognition* bhala tilwima ta' xoghol kif anke deskritta fil-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta, tant li dina t-tilwima kienet giet riferita u anke deciza mit-Tribunal Industrijali. Ghalhekk huma isostnu li gew imharrka inutilment u m'ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

**MERTU**

Illi dina l-kawza nstemghet kontestwalment mal-kawza l-ohra 1909/99 fl-ismijiet Malta International Airport Plc vs Unjoni Haddiema Maghqudin (UHM) et deciza llum stess.

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq il-punt legali sollevat fil-mertu.

Il-konvenuti M.I.A. qed jeccepixxu li s-socjeta' konvenuta kellha kull dritt titlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u kien perfettament lecitu ghall-Qorti li tilqa' din it-talba kif fil-fatt ghamlet. Huma prezentaw ukoll citazzjoni numru 1909/99, li giet konnessa mal-kawza prezenti, fejn talbu lil Qorti tiddikjara li l-konvenuti m'ghandhomx jippromwovu azzjonijiet industrijali fl-azjenda ta' l-atturi u/jew direttivi ghal tali azzjonijiet jew b'xi mod iehor iwaqqfu l-andament tax-xoghol fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fil-Heliport ta' Ghawdex operati mill-atturi in konnessjoni mal-vertenza dwar min mill-konvenuti ghandha tigi rikonoxxuta ghal skopijiet ta' *collective bargaining*, u biex tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni nurmu 3751/99.

**DIGRIET**

B'digriet tat-23 ta' Awissu, 1999 il-Qorti, diversament preseduta, kienet ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 3571/99 kontra l-atturi. Dik il-Qorti kienet ibbazat id-digriet taghha fuq il-fatt li hadd miz-zewg unions intimati ma qeghdha tallega li hemm xi tilwima ta' xoghol mas-socjeta' rikorrenti li tista' taqa' biex tkun kunsidrata taht l-artikolu 2 A tal-Kap 266 u huwa carr li l-unika kwistjoni li hemm mas-socjeta' rikorrenti hija dik tar-rikonoxximent li sar accenn ghaliha aktar 'l quddiem. Konsegwentement, kull direttiva jew azzjoni mehuda minn wahda miz-zewg unions intimati fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti ma tistax tikkwalifika ghall-immunita' sancita mill-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghandu jsegwi ghalhekk li s-socjeta' rikorrenti ghandha "*prima facie*" drittijiet li jisthoqqilhom li jigu salvagwardati bil-hrug tal-mandat mitlub (fol. 14).

**KONTESTAZZJONI**

L-atturi GWU f'dina l-kawza qed jissottomettu li l-konkluzzjonijiet raggjunti mill-Qorti li emanat dana d-digriet huma zbaljati billi fil-fatt tezisti tilwima ta' xoghol peress illi s-subinciz (f) tal-Artikolu 2 tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi bhala "tilwima ta' xoghol" makkinarju ghal negozjati jew konsultazzjonijiet, u proceduri ohra, dwar xi wahda mill-hwejjeg imsemmija qabel, maghdud ir-rikonoxximent minn principal jew assocjazzjonijiet ta' principali tad-dritt ta' trade union li tirrapprezenta haddiema f'xi negozjati jew konsultazzjonijiet bhal dawk jew fit-twettiq ta' dawk il-proceduri.

Il-konvenuti qed jissottomettu li m'hemmx tilwima ta' xoghol lanqas taht s-subinciz (f) tal-Artikolu 2. Din kienet kwistjoni bejn union u union u mhux bejn haddiema u principal. Fil-fatt, fid-definizzjoni ta' trade union hemm li dina tfisser

organizzazzjoni maghmula ghal kollox jew principalment minn haddiema u li l-ghan ewlieni taghha hu skond ir-regolamenti li tirregola r-relazzjonijiet bejn il-haddiema u l-principali jew l-assocjazzjonijiet ta' principali. Id-definizzjoni ta' trade union u *trade dispute* m'ghandiex tigi mwessa biex tabbraccja dak li qed jippretendu l-atturi

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fl-artikolu 2 ta' Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta, taht "tifsir" hemm provdut ghad-definizzjoni ta' tilwima ta' xoghol hekk:

"tilwima ta' xoghol" tfisser tilwima bejn principali u haddiema, jew bejn haddiema u haddiema, li jkollha x'taqsam ma' xi wahda jew aktar mill-hwejjeg li gejjin:

*(*a) pattijiet u kondizzjonijiet ta' impieg, jew il-kondizzjonijiet fizici li tahthom xi haddiema jkunu mehtiega jahdmu;

*(*b) thaddim jew nuqqas ta' thaddim, jew it-tmiem jew is-sospensjoni ta' impieg jew ta' dmirijiet ta' impieg, ta' haddiem wiehed jew aktar;

*(c*) allokazzjoni ta' xoghol jew ta' dmirijiet ta' l-impieg bejn il-haddiema jew gruppi ta' haddiema;

*(*d) hwejjeg ta' dixxiplina;

*(*e) facilitajiet ghal ufficjali ta' *trade union*s;

*(*f) makkinarju ghal negozjati jew konsultazzjonijiet, u proceduri ohra, dwar xi wahda mill-hwejjeg imsemmija qabel, <u>maghdud ir-rikonoxximent minn principali</u>

jew assocjazzjonijiet ta' principali tad-dritt ta' *trade union* li tirrapprezenta haddiema f'xi negozjati jew konsultazzjonijiet bhal dawk jew fit- twettiq ta' dawk il-proceduri;

Fil-kaz in ezami jirrizulta mid-definizzjoni tal-ligi fl-artikolu 2(f) li ir-rikonoxximent minn principali jew assocjazzjonijiet ta' principali tad-dritt ta' *trade union* li tirrapprezenta haddiema f'xi negozjati jew konsultazzjonijiet hi konsidrata bhala tilwima ta' xoghol. Fil-fatt l-ewwel Qorti kienet irrikonoxxiet li l-unika kwistjoni li kien hemm mas-socjeta' konvenuta MIA kienet biss kwistjoni ta' rikonoxximent. Ghalhekk ma tista' tittiehed ebda azzjoni fil-konfront ta' union dwar delitt jew kwazi delitt minhabba xi ghemil li jkun allegat li sar minn jew f'isem trade union - Art. 17 Kap. 266. Lanqas ma setgha jinhareg il-mandat in kwistjoni.

Jigi notat li l-kaz kien gie riferut lit-Tribunal Industrijali bhala tilwima ta' xoghol u dan gie kostitwit biex jisma dina t-tilwima ta' xoghol (ara fol. 15).

Il-konvenuti (ara fol. 22) kienu kitbu lill Ministru tal-Politika Socjali fejn talbu li t-tilwima industrijali bejn l'MIA u GWU u UHM u MATCA tigi riferita lit-Tribunal Industrijali a termini tal-ligi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tirrevoka d-digriet tat-23 ta' Awissu, 1999 (fol. 13), kif ukoll id-digriet fejn gie milqugh provizorjament il-mandat ta' inibizzjoni numru 3751/99 datat ghoxrin (20) ta' Awissu, 1999;

Tordna l-hrug tal-kontro-mandat opportun;

Tillibera lill-konvenut UHM mill-osservanza tal-gudizzju;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti M.I.A.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**